MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 254/2011

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti pprezentat u talbet hekk:

Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' April 1991 u minn dan iz-zwieg twieldu erbat ulied, tnejn minnhom u cioe' E u F ghadhom minorenni.

Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa mix-xahar ta' Jannar tas-sena 2007 u ilhom legalment separati sa mill-11 ta' Jannar 2008 in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dottor

Silvana Borg Caruana u permezz ta' kuntratt korrettorju ta' l-20 ta' Mejju 2009 in forza ta' kuntratt atti Nutar Dottor Silvana Borg Caruana.

Illi m' hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom 4 snin u 8 xhur mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin u r-rikorrenti sahansitra fformat rabta soda u relazzjoni stabbli ma' persuna ohra tant li ghandhom tarbija.

Illi l-intimat dejjem ottempora ruhu f' dak li huwa manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------